

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Id-dikjarazzjoni tal-illegalità tal-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (DGI) tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal u l-annullament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni, deċiżjoni li tapplika d-DGI l-ġodda rigward l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal.

Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara li l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal huwa illegali;
- tannulla d-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2014 li żżid id-drittijiet għall-pensjoni akkwistati mir-rikorrent qabel id-dħul fis-servizz tiegħu, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fl-iskema tal-pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2015 – ZZ et vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-16/15)**

(2015/C 096/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

L-annullament ta' deċiżjonijiet li jibdli d-deskrizzjoni tat-tip ta' xogħol tar-rikorrenti fl-applikazzjoni-sysper 2 u li ma jitniżżlux fil-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni għall-grad AST 10 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni għas-sena 2014.

Talbiet tar-rikorrenti

Prinċipalment:

- tikkonstata l-illegalità tal-Artikolu 45 tal-Istatut u l-Anness I, kif ukoll miżuri tranżitorji li għandhom x'jaqsmu magħhom;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-14 ta' April 2014, li jinbidel il-fajl ta' promozzjoni tar-rikorrenti li jinsab fis-sistema "Sysper 2" bl-iskop li timblokka kull possibiltà dwar il-promozzjoni tagħhom;
- tannulla d-deċiżjoni sussegwenti tal-Awtorità tal-Ħatra, notifikata fl-24 ta' Ġunju 2014, li jitniżżlux fil-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni għall-grad AST10, fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' promozzjoni għas-sena 2014 kif previst mill-Artikolu 45 tal-Istatut.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Sussidjarjament:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-14 ta' April 2014, li jinbidel il-fajl tar-rikorrenti kontenut fis-sistema "Sysper 2" bl-iskop li timblokka kull possibiltà dwar il-promozzjoni tagħhom;

- tannulla d-deċiżjoni sussegwenti tal-Awtorità tal-Ħatra, notifikata fl-24 ta' Ġunju 2014, li jitniżżlux fil-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni għall-grad AST10, fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' promozzjoni għas-sena 2014 kif previst mill-Artikolu 45 tal-Istatut.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Frar 2015 – ZZ et vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-18/15)**

(2015/C 096/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ et (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annulament ta' deċiżjonijiet li jibdlu d-deskrizzjoni tat-tip ta' xogħol tar-rikorrenti fl-applikazzjoni sysper 2 u li ma jitniżżlux fil-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni għall-grad AD13 u AD14, fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni għas-sena 2014.

Talbiet tar-rikorrenti*Prinċipalment:*

- tikkonstata l-illegalità tal-Artikolu 45 tal-Istatut u l-Anness I, kif ukoll miżuri tranżitorji li għandhom x'jaqsmu magħhom;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-14 t' April 2014 li jinbidel il-fjal tal-promozzjoni tar-rikorrenti fis-sistema "Sysper 2" bl-iskop li timblokka kull possibiltà dwar il-promozzjoni tagħhom;
- tannulla d-deċiżjoni sussegwenti tal-Awtorità tal-Ħatra innotifikata fl-24 ta' Ġunju 2014 li ma jitniżżlux fil-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni għall-grad AD13 u AD14 fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' promozzjoni għas-sena 2014 kif previst mill-Artikolu 45 tal-Istatut.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Sussidjarjament:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-14 t' April 2014 li jinbidel il-fjal tal-promozzjoni tar-rikorrenti fis-sistema "Sysper 2" bl-iskop li timblokka kull possibiltà dwar il-promozzjoni tagħhom;
 - tannulla d-deċiżjoni sussegwenti tal-Awtorità tal-Ħatra innotifikata fl-24 ta' Ġunju 2014 li ma jitniżżlux fil-lista tal-uffiċjali proposti għall-promozzjoni għall-grad AD13 u AD14 fil-kuntest tal-proċedura annwali ta' promozzjoni għas-sena 2014 kif previst mill-Artikolu 45 tal-Istatut.
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
-